Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Laqgħa b' Urġenza Reġjun Port - Nu 17/2023 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: Il-Ġimgħa, 2 ta' Frar 2023

Ħin: 18:00

Bdiet: 18:00

Post: Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Marsa

| | | | |
|---|---|---|---|
| Chev Paul Farrugia | President | Reġjun Port | Preżenti |
| Is-Sur Marco Agius | Sindku | Kunsill Lokali Bormla | Skużat |
| Sur John Boxall | Sindku | Kunsill Lokali Birgu | Skużat |
| Sur Pierre Dalli | Sindku | Kunsill Lokali Fgura | Skużat |
| Sur Vincent Borg | Sindku | Kunsill Lokali Floriana | Skużat |
| Sur Clive Pulis | Sindku | Kunsill Lokali Isla | Skużat |
| Sur Wayne Aquilina | Sindku | Kunsill Lokali Kalkara | Preżenti |
| Sur Dominic Grima | Sindku | Kunsill Lokali Paola | Preżenti |
| Sur Joseph Abela Galea | Sindku | Kunsill Lokali Tarxien | Preżenti |
| Sur Alfred Zammit | Sindku | Kunsill Lokali Valletta | Skużat |
| Sur Neil Attard | Sindku | Kunsill Lokali Xgħajra | Preżenti |
| Sur Jorge Grech | Sindku | Kunsill Lokali Zabbar | Preżenti |
| Sa Lianne Cassar | Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv | Reġjun Port | Preżenti |
| Sur Mario Fava | President | Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali | Preżenti |

**17.1 Ġbir ta' skart fuq bażi Reġjonali – skart Kummerċjali u Skips**

17.1.1 Il-President semma li wara l-laqgħa li r-Reġjun kellu mas-Segretarju Permanenti is-Sa. Dimech flimkien mal-Kuntrattur inħasset il-ħtieġa li tissejjaħ laqgħa n' urġenza sabiex is-Sindki jiġu infurmati ta' dak li kien ġie diskuss.

17.1.2 Is-Sur Fava spjega li l-iskart kummerċjali ser ikun hemm deċiżjoni fuqu sa l-aħħar ta' Marzu. Dan sakemm tinħadem ir-rotta u tinħareġ BOQ għall-żieda ta' spejjeż li l-kuntrattur ser ikun qed iżomm lir-Reġjun ta' dan is-servizz. Semma li sadanittant id-Direttorat ta' l-Indafa Pubblika ser ikun qed jassisti fejn ikun hemm bżonn filwaqt li kien hemm ftehim mal-kuntrattur li ftit kaxxi tal-kartun zgħar għandhom jinġabru ma' dak ta' djar residenzjali. Il-President semma li din l-ispiża tagħddi minn fuq ir-Reġjun għal fuq l-iskemi.

17.1.3 Is-Sur Fava semma li r-Reġjun propona wkoll li tiżdied ġabra tal-kartun mal-kollezzjoni tal-ħgieġ. Il-President semma li din qed tiġi kkunsidrata fuq livell Ministerjali.

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

17.1.4 Il-President semma li fir-Reġjun hemm ċirka ta' 36 skip. Semma wkoll li l-kuntrattir ta' rata ta' €300 VAT eskluż. Il-President semma li kien ijlu minn filgħodu jibgħat lid-Diviżjoni għal triq 'l quddiem fuq l-iskips u kien biss ftit sekondi qabel l-laqgħa li rċieva risposta.

17.1.5 Is-Sur Fava semma li d-Direttur Ġenerali ta din id-direzzjoni:

- Peress li l-immaniġġjar tal-iskart reġjonali ma jipprovdix għal skips (u dan għaliex jintilef l-iskop tax-scheduling), u peress li hemm diversi kunsilli li għad għandhom l-iskips, naqbel ma' dak propost li għandu jkun hemm phasing out tagħhom u mhux jitneħħew mil-lum għal għada. Il-perjodu, iżda għandu jkun wieħed qasir (3-4 xhur);
- Il-ħlas tal-iskips isir mill-kunsilli lokali u għalhekk ma jkun hemm l-ebda ksur tal-kuntratt reġjonali;
- Il-kuntrattur reġjonali jkompli jbattal mingħajr ma jintalab ħlas addizzjonali, iżda l-ġabra ssir skont il-ġurnata biss;
- Meta jinqabel zmien għal phasing out, il-kunsill jinforma lir-residenti b'dan
- Fil-każ tal-kunsill, jekk ser ikollu bżonn ta' direct order li taqbeż il-€5,000 dan jitlob l-awtorizzazzjoni tad-Diviżjoni skont il-proċedura

17.1.6 Kien hemm qbil li sabiex jittaffew ftit mill-ispejjeż relatati mal-iskips, ir-Reġjun iħallas l-ewwel €5,000.

17.1.7 Is-Sur Wayne Aquilina semma li huwa jemmen ukoll li l-iskips jmorru kontra l-iskeda tal-ġbir ta' skart Nazzjonali. Għaldaqstant huwa bħala Sindku li fil-lokalita' li jieħu ħsieb hemm madwar ħdax-il skip ser ikun qed jara kif jista' jeliminahom. Semma li ser jagħmel pjan bl-għajnuna ta' kulħadd biex sa 1 ta' Marzu jneħħi l-iskips kollha. Kien hemm qbil li r-Reġjun jgħinu fil-marketing sabiex jinforma lir-residenti b' dan il-bdil. Filwaqt li s-Sur Fava ser ikun qed jassisti biex LESA tkun tista' tgħin f' din it-transizzjoni.

17.1.8 Kien deċiż li Kunsilli li ser iżommu l-iskips għandhom jingħtaw data sa meta għandhom jinfurmaw. Filwaqt li għandha terġa' tiġi negozzjata rata mal-kuntrattr tal-iskips li ser jifdal u li dawn iridu jitbgħattlu skond l-iskeda.

17.1.9 Kien deċiż ukoll li Kunsilli Lokali li jagħmlu joffru servizzi ta' skips għandhom jibdew pjan ta' phasing-out u jkun hemm data stabbilita'.

17.1.10 Il-President semma li wieħed għandu jibda jikkunsidra li l-lokal jinvesti fi skips taħt l-art b' aċċessibbilita' limitata għar-residenti. Semma li l-Kunsill Lokali tar-Rabat ser ikun qed jagħmel proġett pilota ta' dan it-tip.

17.1.11 Is-Sur Grima semma li għandu jsir infurzar bis-serjeta' u dan isolvi parti kbira mill-problema.

17.1.12 Is-Sur Grima semma li qed ikun hemm ħafna skart madwar l-iBins speċjalment dawk li jinstabu viċin magni tal-BCRS. Il-President semma lil-ERA għandha tiġi infurmata sabiex minnufih tinforma lill-iskemi sabiex inadfu. Filwaqt li l-Kap Eżekuttiv tal-BCRS ikkommetta ruħu li ser jgħin fit-tindif ta' ħdejn il-magni dan minkejja li l-liġi ma tobblihax jagħmel dan.

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

**17.2 Aġġornament**

17.1.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fit-19:30.

**Chev Paul Farrugia**
**President Reġjun Xlokk**

**Lianne Cassar**
**Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv**